3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża

   — Fit-tielet lok ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari l-pożizzjoni tagħha li l-Kummissjoni, meta ordnat is-sospensjoni, ma osservatx l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-obbligu ta' kooperazzjoni leali u tad-dritt għal rimedju effettiv

   — Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li l-ordni ta' sospensjoni tal-Kummissjoni tikser il-garanziji ġuridiċi fundamentali bħall-obbligu ta' kooperazzjoni leali u d-dritt għal rimedju effettiv.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq kontradizzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni u fuq in-nuqqas ta' preċiżjoni tagħha

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li billi adottat id-deċiżjoni ta' sospensjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li fil-każ tat-taxxa li għandha tiġi ddeterminata permezz tal-awto-likwidazzjoni, l-awtoritajiet Ungeriżi ma humiex f'pożizzjoni li jipprekludu l-għoti tal-imsemmija għajnuna, u barra minn hekk id-deċiżjoni hija kontradittorja minħabba l-għan tas-sospensjoni. Għaldaqstant hija ma stabbilixxietx norma ċara ta' aġir, filwaqt li timponi lill-awtoritajiet Ungeriżi l-implementazzjoni tad-deċiżjoni.

---

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2015 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-555/15)**

(2015/C 398/77)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* L-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér u G. Koós)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 4808 tal-15 ta' Lulju 2015 dwar il-modifika fl-2014 tat-taxxa ta' spezzjoni tal-katina alimentari, sa fejn l-imsemmija deċiżjoni teżiġi s-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-rati progressivi tat-taxxa ta' spezzjoni tal-katina alimentari fl-Ungerija;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi segwenti.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq abbuż tas-setgħa diskrezzjonali, żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

   — Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li, meta ordnat is-sospensjoni, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, u li b'hekk, marret lil hinn mil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha u kisret fl-istess waqt il-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta’ osservanza tal-projbizzjoni ta’ kull diskriminazzjoni u l-ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament

— Ir-rikorrenti ssostni fit-tieni lok li l-prassi tal-Kummissjoni fil-qasam ta’ sospensjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala inkoerenti u li minnha jirriżulta nuqqas ta’ osservanza tal-projbizzjoni ta’ kull diskriminazzjoni u ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni u tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża

— Ir-rikorrenti ssostni b’mod partikolari fit-tielet lok il-pożizzjoni tagħha li l-Kummissjoni, billi ordnat is-sospensjoni, ma osservatx l-obbligu tagħha ta’ motivazzjoni.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq l-obbligu ta’ kooperazzjoni leali u tad-dritt għal rimedju effettiv

— Ir-rikorrenti ssostni f’dan ir-rigward li l-ordni ta’ sospensjoni tal-Kummissjoni tikser il-garanziji legali fundamentali bħall-obbligu ta’ kooperazzjoni leali u d-dritt għal rimedju effettiv.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Settembru 2015 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-556/15)**

(2015/C 398/78)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Fernandes, M. Figueiredo, P. Estêvão u J. Almeida, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 4076 ([1]), sa fejn, minħabba r-Raġuni “Dgħjufijiet fl-LPIS”, hija eskludiet mill-finanzjament [tal-Unjoni Ewropea] l-ammont ta’ EUR 137 389 156,95 relatat mal-ispejjeż iddikjarati mir-Repubblika Portugiża taħt Għajnuna Diretta Oħra Superfiċi, għas-snin 2010, 2011 u 2012

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin:

A – Fir-rigward tas-snin 2009 u 2010

Ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità u tal-Artikolu 5 TUE, sa fejn, għalkemm il-kalkoli u l-premessi huma eżattament l-istess bħal dawk li kienu ġew aċċettati mill-Kummissjoni f’verifiki preċedenti, in-nuqqas ta’ aċċettazzjoni mill-Kummissjoni, b’mod debitament immotivat, tal-kalkolu ppreżentat mill-awtoritajiet Portugiżi, miżjuda bl-applikazzjoni ta’ korrezzjoni b’rata fissa, minkejja li ġie kkonstatat titjib sostanzjali fir-rigward tal-implementazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-LPIS, jikkostitwixxi ksur ċar tal-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali.